MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 26/2010

Charles Vella (ID No 604552M)

Vs

Joseph Pace (Id. No 384735M) u
Louis Scicluna (Id. No 663257M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elfejn tlett mija erba u sittin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€2,364.86) minghand il-konvenuti in konnessjoni ma pagi, somom relattivi ghal *vacation leave* u *bonuses*. Minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex jhallsu baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mill-ligi, u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit tal-attur u l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala mistqarr.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn tlett mija erba u sittin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€2,364.86) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Katja Psaila Savona**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------